MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 152/1999/2

**Angelo u Dolores konjugi Sant**

**v.**

**Paul u Isabelle konjugi Sant;**
**u b'digriet tat-22 ta' Frar 2001 giet imsejha fil-kawza s-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni li ggib id-data tat-22 ta' Jannar 1999, l-atturi fethu kawza kontra l-konvenuti Paul u Isabelle konjugi Sant, fejn huma ppremettew illi huma proprjetarji ta' garage minghajr numru li jinsab kontigwu ma' proprjeta` ohra taghhom li jisimha "Massabielle", gewwa l-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, fuq l-art maghrufa bhala "ta' Safsafa", kif ukoll is-sidien ta' razzett, bla numru, li ghandu mieghu kmamar u garaxx, liema razzett u kmamar u garaxx jinsabu gewwa l-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, fuq l-art maghrufa bhala "ta Safsafa"; illi l-konvenut Paul Sant qed jokkupa minghajr titolu validu skond il-ligi l-garaxx minghajr numru li jinsab kontigwu mal-proprjeta` ta' l-istess atturi li jisimha "Massabielle", gewwa l-Wardija fuq l-art maghrufa bhala "ta' Safsafa", kif ukoll ir-razzett bir-remissa li jinsabu gewwa l-Wardija fl-inhawi maghrufa bhala "ta' Safsafa". Illi ghalhekk l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw garage proprjeta` ta' l-atturi, liema garage jinsab kontigwu mal-fond proprjeta` ta' l-atturi bla numru bl-isem ta' "Massabielle", gewwa l-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, fuq l-art maghrufa bhala "ta' Safsafa", minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

(2) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw razzett minghajr numru bir-remissa proprjeta` ta' l-atturi u jinsab gewwa l-Wardija fuq l-art maghrufa bhala "ta Safsafa", minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

(3) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti li johorgu u jivvakaw miz-zewg fondi fuq deskritti proprjeta` ta' l-atturi.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti Paul u Isabelle konjugi Sant eccepew hekk:

(1) Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjenti ghandhom titolu validu ta' kera fuq il-garage kontigwu mal-fond proprjeta` ta' l-atturi li hu bla numru gewwa l-Wardija fl-inhawi maghrufa bhala "ta' Safsafa" u

liema garage inkera u huwa debitament licenzjat ghal skopijiet ta' "spray painting".
(2) Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici din hi ammessa.

**IL-KJAMATA FIL-KAWZA TAS-SOCJETA` SANT BROTHERS COMMERCIAL LIMITED BHALA KO-KONVENUTA**

3. B'digriet tat-22 ta' Frar 2001 giet imsejha fil-kawza s-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited, li eccepiet ukoll illi hi ma ghandha ebda pretensjonijiet dwar ir-razzett, izda dwar il-garage ressqet l-eccezzjoni li ghandha titolu ta' kiri.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza ta' l-ewwel Qorti datata erbatax (14) ta' Dicembru 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi, fuq ammissjoni tal-konvenuti fir-rigward tat-talbiet dwar ir-razzett fuq imsemmi, ikkundannat lill-konvenuti jroddu lill-atturi r-razzett bla numru fl-inhawi "ta' Safsafa", fil-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u wara li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti u ta' l-imsejha fil-kawza rigward it-talbiet dwar il-garaxx fuq imsemmi, ikkundannat lill-istess konvenuti u lis-socjeta` imsejha fil-kawza jizgumbraw mill-garaxx minghajr numru li jinsab kontigwu ma' proprjeta` ta' l-istess atturi li jisimha "Massabielle", gewwa l-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, u jroddu l-istess garaxx lill-atturi, u li l-izgumbrament ghandu jsehh fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza; bl-ispejjez gudizzjarji jhallsuhom il-konvenuti u s-socjeta` msejha fil-kawza flimkien.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KJAMATA FIL-KAWZA BHALA KO-KONVENUTA**

5. Is-socjeta` ko-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq premessa u interponiet appell minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju segwenti:

a. Illi l-atturi huma missier u omm il-konvenut Paul Sant, li minbarra l-imsemmi Paul ghandhom tlett ulied ohra. Iehor mill-ulied ta' l-atturi, Christopher Sant, kellu s-sengha ta' *spray painter*, u l-konvenut Paul Sant flimkien ma' huh Christopher ifformaw is-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited, u din is-socjeta` bdiet topera mill-

garage fuq imsemmi, minghajr numru, li jinsab kontigwu ma’ proprjeta` ta’ l-istess atturi li jisimha “Massabielle”, gewwa l-Wardija limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

b. Illi meta fformaw is-Socjeta` Sant Brothers Commercial Limited u bdew joperaw minn dan il-garaxx, il-konvenut Paul Sant u huh Christopher Sant kienu jehtiegu l-permessi relattivi tal-pulizija sabiex ikunu jistghu joperaw. Sabiex johorgu dawn il-permessi, l-Pulizija talbu l-ircevuta tal-kera ta’ l-istess garage, u ghalhekk l-ahwa Paul u Christopher Sant talbu lil missierhom johrogilhom l-ircevuta tal-kera. Fil-fatt, l-attur Angelo Sant hekk ghamel u hareg l-ircevuta relattiva tal-kera f’isem is-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited, liema kera kienet fl-ammont ta’ LM30 fis-sena. L-ircevuta nharget fis-16 ta’ Marzu 1995.

c. Gara li eventwalment din il-kera ta’ Lm30 fis-sena ma baqghetx tithallas fi flus lill-missier Paul Sant u dan billi meta Paul kien imur bil-flus ghand missieru, dan kien jirrispondi, kif jirrizulta mill-istess deposizzjoni ta’ Paul Sant “*Jien ma rridhomx, jien timxu ’l quddiem irrid narakom*”. Talli ma kienx jaccetta l-kera fi flus, l-ahwa Sant li sa dak iz-zmien kienu ghadhom shab fis-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited kienu gieli jaqbdu xi somma flus u jghadduha lil ommhom, kif ukoll importaw Land Rover ghal missierhom minghajr ebda profitt ghalihom u ghamlu fuqha xi spejjez sabiex daruha bhal zebgha u trattament kontra s-sadid li ma zammewlu xejn taghhom, kif ukoll kienu jghaddulu rigali ohra bhal whisky. Eventwalment, il-kera fi flus kienet giet depozitata fil-Qorti b’cedola meta nfethet il-kawza kontra l-konvenuti Paul u Isabelle konjugi Sant.

d. Illi sussegwentament kien inqala’ xi nkwiet bejn l-ahwa Sant, u l-konvenut Paul Sant xtara l-ishma ta’ huh Christopher fis-socjeta` Sant Brothers Commercial Limited, u l-atturi Angelo u Dolores konjugi Sant fethu l-kawza odjerna kontra l-konvenuti Paul u Isabelle konjugi Sant sabiex jirriprendu lura l-pussess tal-garaxx.

e. Illi l-Onorabbli Prim Awla cahdet l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` konvenuta li hi ghandha titolu validu ta’ kera fuq il-garaxx fuq imsemmi, billi ddecidiet illi l-intenzjoni tal-partijiet ma kienetx li joholqu kirja izda biss li jsir dak li kien mehtieg biex jinkisbu l-permessi mehtiega minghand il-pulizija. L-Onorabbli Prim Awla bbazat il-konkluzjoni taghha fuq il-fatt illi hlas tal-kera sar darba biss, u din id-darba hija kontestata mill-atturi li jichdu li qatt hadu kera, u dan il-fatt jixhed li ma kienx hemm intenzjoni li tinholoq relazzjoni bejn sid il-kera u l-kerrej, u l-intenzjoni ta’ l-atturi kienet biss li l-ulied jinqdew bil-garaxx bit-tolleranza li hija naturali bejn il-genituri u l-ulied.

f. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta` appellanti, d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-intenzjoni tal-partijiet ma kienetx li joholqu kirja izda biss li jsir dak li kien mehtieg biex jinkisbu l-permessi mehtiega minghand il-pulizija hija wahda erronea u ma tirrispekkjax l-intenzjoni vera tal-partijiet. Dan kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-konvenut Paul Sant li xehed illi hu kien mar fuq missieru u qallu:
Xhud: “*Ghandek bzonn taghmlilna ircevuta biex nibdew inhallsu l-kera bhal speci ghax ridtha minhabba l-permess tal-Pulizija........*

Il-Qorti: *U kemm tajtu?*

Xhud: *Mort ghand dan, qalli “Kemm ha naghmluh?” Ghidtlu “Ghamlu kemm trid int, jien l-importanti li nigi nhallas daqshekk, daqshekk, daqshekk”....... qalli “Naghmluh tletin dan” Ghidtlu “Naghmluh tletin”.*

Il-Qorti: *Tletin kull meta?*

Xhud: *Fis-sena. Dak il-hin ghamilli ricevuta u mbaghad fil-fatt qalli “Dan ha nibqa’ bla flus?” Ghidtlu “Le, gej bihom” ghax jien ma tellajtx flus mieghi jigifieri dan kemm ninzel mid-dar ghal isfel, inzilt barra, mhux barra, cioe` il-garaxx, qbadt il-flus, tajtu tletin lira, ghidtlu “Hawn tletin lira”.*

Il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-intenzjoni tal-genituri kienet biss li l-ulied jinqdew bil-garaxx bit-tolleranza

taghhom tidher manifestament zbaljata specjalment fid-dawl ta’ dak li Paul Sant xehed li kien qallu missieru meta kienu ftehmu dwar il-kera. Angelo Sant kien staqsa lil ibnu rigward il-kirja tal-garaxx *“Dan ha nibqa’ bla flus?”*, u ghal liema domanda Paul Sant kien wiegeb *“Le, gej bihom”*, u ghalhekk jidher car li l-intenzjoni ta’ Angelo Sant ma kienitx li jaghti xi haga b’mod gratwit lil uliedu izda li jigi rimunerat ta’ dak li kien qed jaghti. Huwa veru li sussegwentement Angelo Sant ma kienx baqa’ jitlob il-kera fi flus, ghalkemm il-kera baqghet tithallas “in kind” (vide Artikolu 1533 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), izda l-intenzjoni originali tieghu kienet li tinholoq relazzjoni ta’ kirja bejnu u bejn uliedu. Din l-intenzjoni ta’ bejn il-partijiet giet riflessa u tirrizulta b’mod carissimu mill-istess ricevuta tal-kera, liema ricevuta jirrizulta mix-xhieda li kitibha l-istess attur fil-prezenza wkoll ta’ martu l-attrici, u ghalhekk l-attur kien jaf precizament x’kien qieghed jaghmel. Ghalhekk ma jistax jinghad kif irriteniet l-ewwel Qorti illi l-ircevuta *habet colorem substantiam nullam.* Ta’ min jirrileva wkoll dak li xehed Christopher Sant, hu Paul Sant, illi meta gie konfrontat bl-ircevuta tal-kera datata 16 ta’ Marzu 1995, esebita fil-process, hu ta x’jifhem fix-xhieda tieghu li din ma kienetx l-unika ricevuta u minn indagini li ghamlet is-socjeta` appellanti, issa jirrizultalha li huwa minnu dak li xehed Christopher Sant li tezisti ricevuta ohra tal-kera tal-fond in kwistjoni li ggib id-data ta’ l-1 ta’ Ottubru 1994 u li bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tigi esebita fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell. Jigi rilevat ukoll illi dawn l-ircevuti dejjem igorru t-timbru bid-data relattiva ta’ meta gew konsenjati lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex tkun tista’ tohrog it-trading licence relattiva.

Ukoll, l-attur qatt ma mmanifesta l-intenzjoni li jittermina l-kirja hlief meta nqala’ l-inkwiet bejn l-ahwa, li kien il-mottiv veru tieghu li gieghlu jiftah dawn il-proceduri, u mhux ghax ma kienx hemm relazzjoni ta’ kirja.

g. L-ewwel Qorti kkonkludiet, kif jirrizulta mit-tielet paragrafu a fol. 4 ta’ l-imsemmija sentenza ta’ l-erbatax (14) ta’ Dicembru 2001 illi “*Biex issib li hemm titolu ta’ kiri l-qorti trid tkun sodisfatta illi tassew hemm kirja u mhux biss apparenza ta’ kirja. Il-gustizzja ma ssirx billi naraw*

*biss il-paraventu u ma nqisux il-verita` tassew tal-fatti. Jekk ir-ricevuta habet colorem substantiam nullam, il-qorti ma tistax issib li hemm kiri.”*

h. Illi wkoll meta wiehed janalizza l-premessi, il-kawzali fic-citazzjoni u t-talbiet ta’ l-atturi, minn imkien ma jidher li l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara li l-ircevuta tal-kirja in kwistjoni kienet wahda simulata, kif irriteniet l-ewwel Qorti, u ghalhekk meta l-Qorti ddecidiet hekk, hi marret oltre dak li gie mitlub minnha mill-atturi fic-citazzjoni. Jekk l-atturi riedu jghidu li dik ir-ricevuta kienet wahda simulata, kellhom dejjem il-facilita` kollha li jippremettu dan fic-citazzjoni taghhom u jaghmlu talba ghal dikjarazzjoni ta’ simulazzjoni fl-istess citazzjoni, haga li ma saritx mill-atturi.

Ghaldaqstant, is-socjeta` appellanti, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta’ Dicembru 2001 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat u ddecidiet li l-konvenuti ghandhom iroddu lill-atturi r-razzett bla numru fl-inhawi “ta’ Safsafa”, fil-Wardija, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, u li l-konvenuti Paul u Isabelle konjugi Sant ghandhom iroddu lura lill-atturi l-garaxx minghajr numru li jinsab kontigwu ma’ proprjeta` ta’ l-atturi li jisimha “Massabielle”, gewwa l-Wardija limiti ta’ San Pawl il-Bahar, fuq l-art maghrufa bhala “ta’ Safsafa”, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba attrici u cahdet l-eccezzjoni tas-socjeta` imsejha fil-kawza rigward it-titolu validu ta’ kera dwar il-garaxx fuq imsemmi, u dan billi jigu rigettati d-domandi attrici fir-rigward, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

## <u>IR-RISPOSTA TA’ L-ATTURI APPELLATI</u>

6. L-atturi appellati wiegbu hekk:

(1) Illi mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti jidher li appellat biss is-socjeta` konvenuta Sant Brothers Commercial Ltd, peress li r-rikors ta’ l-appell huwa biss ta’ l-imsemmija socjeta` u b’hekk il-konvenut Paul Sant f’ismu propju jidher li ma ntavolax appell mid-decizjoni msemmija.

(2) Illi l-atturi appellati jirritjenu illi s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata anke minn din il-Qorti u l-appell ta’ l-appellanti ma ghandux jigi milqugh u dana minhabba bosta ragunijiet fosthom:-

(a) Illi mix-xhieda prodotta rrizulta illi l-atturi kellhom diversi bicciet ta’ proprjeta`, liema proprjetajiet huma ddecidew li jqassmuha lill-ulied rispettivi taghhom. Illi ghalhekk irrizulta illi lill-konvenut Paul Sant kien inghatalu garaxx bl-isem ta’ American Garage (li mhux il-garage mertu tac-citazzjoni odjerna), lill-ahwa l-ohra kien inghatalhom proprjeta` ohra, u lil wiehed minn l-ulied certu Christopher Sant kien inghatalu l-garage mertu tal-kawza odjerna. Gara li maz-zmien iz-zewgt ahwa Sant inghaqdu sabiex jifformaw is-socjeta` appellanti u b’hekk allura l-konvenut deffess biex jinghad hekk saqajh fil-garage msemmi. Irrizulta wkoll li fuq dana l-garage in kwistjoni l-atturi qatt ma riedu kera u huma zammew lil uliedhom jahdmu hemm b’mera tolleranza u ghaliex hekk kienu kuntenti jaraw lil uliedhom jistinkaw fix-xoghol. Illi gara li l-ahwa nfirdu u l-konvenut Paul Sant xtara sehem Christopher Sant mill-imsemmija socjeta` kummercjali.

Illi meta gara hekk jidher li Christopher Sant spicca biex kellu johrog mill-garage msemmi, liema garage spicca biex baqa’ jigi okkupat mill-konvenut Paul Sant. Illi kien dan l-agir li gieghel lill-atturi jiehdu l-pass li hadu u cioe` li jintavolaw kawza kontra t-tifel taghhom, u dan peress li bl-agir tieghu u anke kif irrizulta mill-provi, gara li l-proprjetajiet kollha ta’ l-atturi spiccaw okkupati mill-konvenuti, ad eskluzjoni ta’ l-ahwa l-ohra. Illi l-agir kien imur ferm kontra l-pjanijiet li kellhom l-atturi ghal uliedhom li hafna drabi ftit li xejn setghu isibu tarf binhom il-konvenut, minhabba fl-agir notorju tieghu, anke fil-konfront ta’ l-ahwa l-ohra.

(b) Illi l-appellanti tghid li fil-fatt kien hemm titolu ta’ kera u anke kien hemm ricevuti li juru dan. Illi l-atturi ma cahdu qatt ir-ricevuta li esebixxa l-appellant, (sic) b’dana illi nghatat spjega ta’ ’l ghaliex kienet saret dik ir-ricevuta. Dik li l-appellanti qed issejjah ricevuta kienet dokument li sar bi skop wiehed u wiehed biss u cioe` li l-appellanti

setghu b'dak id-dokument imorru l-ghassa tal-Pulizija sabiex johrogilhom il-permess biex izommu l-ghodda konnessi ma' l-ispray. L-appellanti tghid li huwa fil-fatt kien hallas it-tletin lira msemmija, haga li hija kontestata mill-appellati u fatt li anke gie kontestat minn wiehed mill-istess diretturi tas-socjeta` li dak iz-zmien suppost li ghamlet il-pagament tal-hlas ta' kera. Skond ix-xhieda moghtija minn Christopher Sant, li dak iz-zmien kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta` appellanti, dana jghid u jikkorrabora dak li jghidu l-genituri tieghu u cioe` li s-socjeta` qatt ma hallset kera biex tokkupa l-garaxx. Inoltre interessanti wkoll il-fatt li anke l-istess konvenut jikkonferma li l-atturi qatt ma riedu kera minghandu tal-garaxx u kien biss wara li giet intavolata l-kawza li s-socjeta` appellanti ddepozitat il-kera b'cedola l-Qorti. Illi l-appellati ma jaqblux mat-tezi ta' l-appellanti li kellha ssir kawza biex tigi attakata l-validita` tar-ricevuta u dana peress li l-istess ma hija ricevuta xejn izda hija biss dokument li dwaru xehdu l-atturi u anke l-konvenut Sant u gie spjegat illi l-istess saret b'intenzjoni wahda u cioe` li jinhargu l-permessi tal-pulizija. L-intenzjoni li tigi stabbilita kirja ma ezistiet qatt u ghalhekk wiehed ma jistax jimmagina lill-appellati jaghmlu kawza biex jippruvaw iwaqqghu dak li qatt ma ezista. Ic-citazzjoni odjerna hija wahda ta' semplici kwistjoni ta' titolu, fejn irrizulta illi l-konvenuti qatt ma gie koncess lilhom ebda kirja kif huma qed jallegaw.

Illi dak espost mill-konvenuti dwar il-kwistjoni tar-ricevuta huwa bir-rispett kollu tentattiv biex jippruvaw jiggranfaw ma' fatt li huma stess jafu 'l ghaliex kien gie fis-sehh, u huwa ezasperanti li wiehed jipprova jikkonvinci ruhu li r-ricevuta saret ghax kien hemm kirja, meta l-istess Paul Sant xehed hekk dwar ir-ricevuta:-

*Domanda: Naqblu pero` li r-ricevuta harget biex ikunu jistghu johorgu l-permessi?*

*Risposta: Iva, ghall-permessi bilfors harget.*

*(Seduta 22.2.2001 pagna 16)*

Illi ghalhekk jidher bic-car, li l-intenzjoni ta’ l-atturi kienet li qatt ma jkun hemm titolu ta’ lokazzjoni, u l-fatt li issa l-appellanti qed jinqdew bir-ricevuta mahruga sabiex johorgu l-permessi huwa biss tentattiv fqir li qed tipprova taghmel is-socjeta` appellanti sabiex tinheba wara paraventu u tiskarta l-fatti veri.

(c) Illi l-konvenuti jghidu wkoll, illi l-hlas ta’ kera kien isir “in kind” u ghalhekk skond l-istess konvenuti hlas ta’ kera kien qed isir. Illi anke hawn l-appellatiti ma jaqblux mat-tezi ta’ l-appellanti. Illi primarjament wiehed irid jara l-intenzjoni tal-partijiet u jekk dawn riedux li tinholoq kirja. L-atturi xehdu kif huma qatt ma kkoncedew ebda titolu ta’ lokazzjoni, u l-konvenut Paul Sant xehed ukoll li l-atturi flus minn ghandu qatt ma riedu. Illi ghalhekk jekk il-konvenuti qatt taw xi oggetti u kumplimenti lill-atturi certament li dawn ma kellhom x’jaqsmu xejn ma’ ebda allegat titolu ta’ kera. Illi sabiex wiehed jghid li qed ihallas kera “in kind” l-appellati jsostnu li l-ftehim ghandu jkun wiehed car u inekwivoku bejn il-partijiet u ma tistax xi parti peress li tkun tat lill-parti ohra xi flixkun whisky, wara tinqeda b’dan il-kumpliment biex tallega li hija ghamlet dak il-gest bhala hlas ta’ kera dovuta, meta kera maqbul bejn il-partijiet ma kien hemm qatt.

(d) Illi inoltre l-appellati jsostnu li l-ewwel Qorti kellha l-fakolta` li tanalizza l-komportament tax-xhieda fuq il-pedana u l-agir tal-konvenut Paul Sant, li da parti tieghu ppretenda li seta' jikkapparra l-proprjeta` ta’ ommu u missieru ad eskluzjoni ta’ hutu l-ohra u jekk xi hadd minn hutu jitkellem imur ghalih b’arma tan-nar, zgur li ghadda mhux inosservat mill-ewwel Qorti.

Illi ghaldaqstant, is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fl-ismijiet hawn fuq premessi datata 14 ta’ Dicembru 2001 ghandha tigi kkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti, u t-talbiet tal-konvenuta appellanti jigu michuda, bl-ispejjez.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

7. Jibda billi jinghad li l-Qorti ta’ l-Appell, bhala Qorti ta’ Revizjoni qajla tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-

provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni gravi li turi xort'ohra u dan ghaliex din tkun qed tosserva l-komportament tax-xhieda in kwistjoni (Marcus Marshall v. Raymond Aquilina pro et – Appell Superjuri deciz 6/12/2002) u b'hekk tkun f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom (Carmel Agius v. John Agius – Appell, Sede Inferjuri, deciza 2/12/1994). Illi gie ritenut fis-sentenza "Paul Formosa v. Salvu Debono" (Appell Sede Superjuri deciza 5/10/2001) li dan ma jsirx "... sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex illi kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta."

8. Minn ezami tal-provi mressqa fil-kawza mill-partijiet u wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet li sarulha mill-partijiet relattivament ghal dan l-appell, ma jidhirx li l-ilment tas-socjeta` appellanti huwa fondat.

Irrizulta li l-atturi Angelo u Dolores Sant huma l-genituri tal-konvenut Paul Sant u ghandhom tlett ulied ohra, tifla u zewg subien. L-attur, Angelo Sant, xehed li l-konvenut kellu f'idejh garaxx maghruf bhala l-Amerikan li kien juza ghal xoghol ta' mechanic u li kien proprjeta` tieghu izda mikri lil ibnu. Jispjega li meta ibnu l-iehor Christopher kien ghalaq sittax-il sena hu kien tah il-garaxx mertu tal-kawza odjerna biex ipoggi l-karozza fih, u dan ta' l-ahhar, li kellu s-sengha ta' spray painter, beda juzah ghax-xoghol tieghu[1]. Fl-1983/84 l-ahwa subien inghaqdu flimkien u giet iffurmata s-socjeta` appellanti u bdew igibu l-affarijiet mill-Ingilterra. B'hekk bdew juzaw ukoll il-garaxx _de quo_. Biex ikunu jistghu izommu kompressur kellhom bzonn il-permess minghand il-pulizija, li talbuhom ircevuta tal-kera tal-garaxx li dwaru kienet se tohrog il-licenzja. B'hekk il-konvenut talab lil missieru biex johroglu ircevuta. Jidher li l-kontendenti jaqblu dwar dawn il-fatti izda l-verzjonijiet moghtija minnhom dwar kif u meta saret l-ircevuta u jekk

[1] Fol. 82

fil-fatt kienx hemm lokazzjoni tal-garaxx lis-socjeta` Sant Brothers Commercial Ltd huma kontradittorji ghall-ahhar u b'hekk l-ewwel Qorti bilfors kellha tezamina l-intenzjoni tal-partijiet u ma setghetx tillimita ruhha ghall-kopja ta' l-ircevuta pprezentata a fol. 25 bhala prova ta' l-allegata lokazzjoni.

9. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet f'dan ir-rigward jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-atturi u binhom Christopher Sant u l-verzjoni moghtija mill-konvenut. Il-Qorti ghalhekk kellha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha biex tipprova tasal ghall-konvinciment morali taghha skond il-grad rikjest mil-ligi dwar liema verzjoni ghandha takkolji.

Issa meta si tratta ta' zewg verzjonijiet kontrastanti, bhalma hu l-kaz odjern, il-kaz necessarjament jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita` u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Fil-kawza "George Bugeja vs. Joseph Meilak", deciza fit-30 ta' Ottubru 2003, il-Prim Awla spjegat illi:
"Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq il-bilanc ta' probabiltajiet, sostrat baziku ta' l-azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment."

Id-decizjoni tal-gudikant ghandha ssir fuq il-provi li jkollu quddiemu "meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet." ("Enrico Camilleri v. Martin Borg" – Appell Sede Inferjuri – 17/3/2003; ara wkoll "Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino" – Appell Kummercjali deciz 25/2/1952; "Paul Vassallo v. Carmelo Pace" – Appell Civili deciz 5/3/1986).

B'hekk il-Qorti ghandha tara jekk il-verzjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet u b'hekk tevita li taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju fir-regola 'in dubio pro reo'.

10. Jidher li l-ewwel Qorti in effetti applikat dawn il-principji u korrettement ikkonkludiet illi l-partijiet ma kellhomx intenzjoni jikkrejaw lokazzjoni bejniethom, izda li l-atturi xtaqu jghinu lil uliedhom fix-xoghol taghhom, u b'tolleranza kienu qed ihalluhom juzaw il-proprjeta` taghhom biex jimxu 'l quddiem minghajr ma jippretendu ebda kumpens. Tant hu hekk li, kif sewwa kkumentat l-ewwel Qorti, il-konvenut innifsu jammetti li wara l-allegat pagament ta' Lm30 fis-16 ta' Marzu 1995 l-kera qatt ma thallset izjed u li missieru qatt ma ried jehodlu kera. Dan l-allegat pagament huwa kontestat mill-atturi. Mhux biss izda Chris Sant, li kien direttur tas-socjeta` appellanti f'dak iz-zmien jichad li qatt thallset kera u jghid li ma kienx jaf b'din l-ricevuta, izda b'ricevuta ohra li missieru ghamel f'ismu. Hawnhekk ghandu jinghad li fir-rikors ta' appell, is-socjeta` appellanti tghid li kienet sabet ircevuta ohra datata 1 ta' Ottubru 1994 u li kienet se titlob il-permess tal-Qorti biex tesebiha – dan pero` ma jirrizultax li sar u tali ircevuta ma tidhirx li qatt giet ipprezentata. F'kelma wahda huwa biss il-konvenut Paul Sant li jinsisti li in effetti l-flus thallsu. Fix-xiehda tieghu jghid li meta saret l-ircevuta kien hemm ommu, missieru u hu ommu Manwel prezenti ghaliex dan ta' l-ahhar guvni u jirrisjedi ma' l-atturi. Dan pero` ma giex prodott jixhed dwar dan l-allegat pagament. Il-verzjoni ta' l-atturi li r-ricevuta markata bhala Dok C sar ghall-iskop tal-permess huwa wkoll ammess mill-konvenut. Johrog car mix-xiehda tal-partijiet kontendenti kollha li minghajr din l-ircevuta l-pulizija ma kienitx se tohrogilhom il-permess biex izommu l-ghodod li kellhom bzonn ghax-xoghol taghhom. Infatti, l-konvenut stess jikkonferma li minghajr l-ircevuta l-permess ma kienx johrog (ara fol. 41-42 tal-process).

11. Lanqas jista' jigi akkolt l-argument li l-kera kienet qed tithallas "in kind". Huwa veru li l-konvenut u huh Chris kienu jghaddu xi flus lil ommhom fl-ahhar tax-xahar, izda mix-xiehda rrizulta li dawn l-ammonti ma kienux xi

ammonti kbar izda forsi kienu jammontaw ghal xi tmien jew ghaxar liri kull darba u li dan kienu jaghmluh b'rikonoxxenza talli kienet ddur bihom u taghtihom ikel u xorb kuljum. Chris Sant in fatti jghid li kienu jtuha "daqqa ghaxar liri, daqqa hames liri...skond, gieli xejn, gieli tatna hi" (ara fol. 87 tal-process). L-istess jinghad ghall-vettura Landrover li ghalkemm migjuba minn barra mill-ulied, thallset mill-missier, li jammetti li huma ma talbuhx ihallas talli daruhwielu u jzid – "Iva, tahieli kemm gietu, imma kemm grejt lejn il-bank u d-Dwana u nixtrilhom ma qalilkomx," (fol. 66 tal-process).

12. Is-socjeta` appellanti wara li fir-rikors ta' appell taghha telabora fit-tul fuq l-ilment taghha li l-Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi l-partijiet ma kellhomx intenzjoni li jikkrejaw lokazzjoni bejniethom, tilmenta li dik il-Qorti kienet marret oltre dak mitlub minnha fic-citazzjoni attrici peress li l-atturi qatt ma ppremettew illi l-ircevuta kienet simulata. Dan l-argument taghhom jibbazawh fuq is-segwenti kliem tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti –
"Biex issib li hemm titolu ta' kiri l-qorti trid tkun sodisfatta illi tassew hemm kirja u mhux biss apparenza ta' kirja. Il-gustizzja ma ssirx billi naraw biss il-paraventu u ma nqisux il-verita` tassew tal-fatti. Jekk l-ircevuta *habet colorem substantiam nullam*, il-qorti ma tistax issib li hemm kiri."

13. Gie ritenut fil-gurisprudenza illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih inbdew il-proceduri (ara Kollezz Vol XLII pt1 pg86). Ir-raguni guridika ghat-talba ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali jew kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq cirkostanzi u fatti ohrajn li ma jidhlux f'dik il-kawzali jew kawzalijiet (Vol XLVIII pt ii pg777; "Mizzi noe v. Pace noe", Prim Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Novembru 1982). Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Paul Gauci et v. Joseph Mugliett", deciza fid-9 ta' Frar 2001, il-Qorti ta' l-Appell kompliet telabora li "s-sentenza kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut."

14. Kien proprju dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Fl-azzjoni odjerna l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kienu qed jokkupaw l-garaxx *de quo* bla titolu validu fil-ligi. Min-naha taghhom l-konvenuti u s-socjeta` appellanti eccepew illi kellhom titolu validu ta' kera tal-garaxx. B'hekk il-Qorti riedet tezamina l-provi biex tivverifika jekk din l-allegazzjoni tal-konvenut tirrizultax ipprovata. Waqt l-ezami tal-provi l-Qorti kif diga` gie spjegat giet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti u ghalhekk biex tkun tista' ssir gustizzja bilfors riedet tiddetermina jekk il-partijiet kellhomx l-intenzjoni li jikkrejaw lokazzjoni, jew jekk l-allegata ircevuta, li kopja taghha giet ipprezentata mill-konvenut u li a bazi taghha s-socjeta` konvenuta qed takkampa d-dritt taghha, saritx ghal xi skop iehor. Mill-provi hareg b'mod car li l-verzjoni tal-konvenuti li huma kienu hallsu l-kera lill-attur ma kienitx giet ippruvata u li dik l-ircevuta kienet saret biss biex tkun tista' tinhareg il-licenzja li s-socjeta` konvenuta kellha bzonn biex jinzamm il-makkinarju necessarju ghax-xoghol ta' l-"ispray painting", u kien ghalhekk li l-Qorti kkonkludiet illi "ma hemm ebda titolu ta' kiri favur is-socjeta` msejha fil-kawza, u l-eccezzjoni mibnija fuq dak it-titolu ghalhekk ma tistax tintlaqa'."

L-appell odjern ghalhekk ghandu jigi michud billi l-aggravji tal-konvenuti huma infondati;

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez ta' dana l-appell kontra taghha u dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif hemm deciz fis-sentenza appellata. It-terminu ta' xahrejn ghall-izgumbrament jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------